Nru./No. 20,898
Prezz/Price
€0.36

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

L-Erbgħa, 27 ta' Lulju, 2022
Wednesday, 27th July, 2022

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

### SOMMARJU — SUMMARY

Proklama tal-President ta' Malta ........ 11,237
*Proclamation by the President of Malta ........ 11,237*

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ........ 11,238
*Government Notices ........ 11,238*

Avviżi tal-Pulizija ........ 11,238 - 11,240
*Police Notices ........ 11,238 - 11,240*

Avviżi tal-Qorti ........ 11,240
*Court Notices ........ 11,240*

ANNO DOMINI 2022 NRU. V

# Proklama

**MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA**

**(L.S.)**

(Iff.) FRANK BEZZINA
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fis-27 ta' Lulju, 2022, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 tal-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, FRANK BEZZINA, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skont l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz ta' Sant'Anton, illum, 27 ta' Lulju, 2022.

B'Awtorità,

(Iff.) ROBERT ABELA
Prim Ministru

ANNO DOMINI 2022 NO. V

# Proclamation

**BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA**

**(L.S.)**

(Sd) FRANK BEZZINA
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 27th day of July, 2022, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, FRANK BEZZINA, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at Sant'Anton Palace, this 27th day of July, 2022.

By Authority,

(Sd) ROBERT ABELA
Prime Minister

## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

**Nru. 937**

**PUBBLIKAZZJONI TA' ATT FIS-SUPPLIMENT**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali li l-Att li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Att Nru XI tal-2022 imsejjaħ l-Att tal-2022 li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita.

Is-27 ta' Lulju, 2022

**Nru. 938**

**ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)**

**Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur**

NGĦARRFU b'dan illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtijin bl-artikolu 20 tal-Att dwar il-Professjoni u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor Anne Marie Tonna bħala nutar delegat u konservatur tal-atti tan-Nutar Dottor Michela Marie Mifsud u dan għall-perjodu bejn it-8 ta' Awwissu, 2022 u l-15 ta' Awwissu, 2022 (iż-żewġ dati inklużi).

Illum, 26 ta' Lulju, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputat Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

**Nru. 130**

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

**Il-Ħamrun**

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' Awwissu, 2022, mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tat-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022, marċ tal-banda minn

## GOVERNMENT NOTICES

**No. 937**

**PUBLICATION OF ACT IN SUPPLEMENT**

IT is notified for general information that the following Act is published in the Supplement to this Gazette:

Act No. XI of 2022 entitled the Various Laws relating to Assisted Procreation (Amendment) Act, 2022.

27th July, 2022

**No. 938**

**NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)**

**Appointment of Notary Delegate/Keeper**

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Anne Marie Tonna to be notary delegate and keeper of the Acts for Notary Dr Michela Marie Mifsud, for the period between the 8th August, 2022 and the 15th August, 2022 (both days inclusive).

Today, the 26th July, 2022

DR MARIA RUTH CIANTAR, DIP. LAWS OF PROC. (MELIT.), LLB (HONS) (MELIT.), M. ADV. (MELIT.)
Deputy Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

POLICE NOTICE

**No. 130**

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

**Ħamrun**

On Monday, 1st August, 2022, from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Tuesday, 2nd August, 2022, band march through Triq

Triq il-Kbira San Ġużepp quddiem il-każin, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq ir-Rebħa, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Santa Marija, Triq San Ġwann, Triq Caruana Demajo u Triq il-Kbira sal-każin tal-banda;

On Wednesday, 3 ta' Awwissu, 2022, marċ tal-banda mis-7.30 p.m. sas-1.00 a.m. tal-Ħamis, 4 ta' Awwissu, 2022, minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Ċensu Borg, Triq Villambrosa, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq A. Buttigieg, Triq San Franġisk, Triq Barbara u Triq il-Kbira sal-każin tal-banda;

Nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Awwissu, 2022, marċ tal-banda u kunċert mis-1.00 p.m. sas-1.30 a.m. tas-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, minn Triq il-Kbira San Ġużepp, kunċert u marċ tal-banda li tibda minn Blata l-Bajda ħdejn il-kappella ta' San Ġorġ Preca, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Schembri sa ħdejn il-Liberty Club u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-każin tal-banda;

Nhar is-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022, marċ tal-banda mis-6.00 p.m. sas-1.30 a.m. tal-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Fra Diegu, Triq Eldorado, Triq Brighella, Triq Annunzjata u Triq il-Kbira San Ġużepp sa Triq il-Kanun u lura għall-każin tal-banda;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' Awwissu, 2022, marċ tal-banda mit-8.30 a.m. sal-4.45 p.m., minn Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq San Gejtanu, Triq Ħal Qormi u Triq il-Kbira San Ġużepp sal-każin tal-banda;

Erba' (4) spazji ta' parkeġġ se jkunu riżervati ħdejn il-BOV fi Triq il-Kbira San Ġużepp minn nhar it-Tlieta, 2 ta' Awwissu, 2022, sas-Sibt, 6 ta' Awwissu, 2022;

Għeluq u clearance ta' toroq u trasport pubbliku se jkun affettwat.

**L-Imqabba**

Nhar is-Sibt, 6, il-Ħadd, 7 u t-Tnejn, 8 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Santa Katerina;

Nhar it-Tlieta, 9 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Santa Katarina;

Nhar l-Erbgħa, 10 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) minn Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Santa Katarina;

Nhar il-Ħamis, 11, il-Ġimgħa, 12 u s-Sibt, 13 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) minn Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Santa Katarina;

il-Kbira San Ġużepp in front of the band club, Triq id-Duka ta' Edinburgh, Triq ir-Rebħa, Triq Barbara, Triq San Gejtanu, Triq Santa Marija, Triq San Ġwann, Triq Caruana Demajo and Triq il-Kbira till the band club;

On Wednesday, 3rd August, 2022, band march from 7.30 p.m. till 1.00 a.m. of Thursday, 4th August, 2022, through Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Ċensu Borg, Triq Villambrosa, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq A. Buttigieg, Triq San Franġisk, Triq Barbara and Triq il-Kbira till the band club;

On Friday, 5th August, 2022, band march and concert from 1.00 p.m. till 1.30 a.m. of Saturday, 6th August, 2022, through Triq il-Kbira San Ġużepp, concert and band march starting from Blata l-Bajda near San Ġorġ Preca chapel, Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Schembri till near Liberty Club and Triq il-Kbira San Ġużepp till the band club;

On Saturday, 6th August, 2022, band march from 6.00 p.m. till 1.30 a.m. of Sunday, 7th August, 2022, through Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Fra Diegu, Triq Eldorado, Triq Brighella, Triq Annunzjata and Triq il-Kbira San Ġużepp till Triq il-Kanun and back to the band club;

On Sunday, 7th August, 2022, band march from 8.30 a.m. till 4.45 p.m., through Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq San Gejtanu, Triq Ħal Qormi and Triq il-Kbira San Ġużepp till the band club;

Four (4) parking spaces are going to be reserved near BOV in Triq il-Kbira San Ġużepp from Tuesday, 2nd August, 2022, till Saturday, 6th August, 2022;

Closure and clearance of roads and public transport will be affected.

**Mqabba**

On Saturday, 6th, Sunday, 7th and Monday, 8th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju and Triq Santa Katarina;

On Tuesday, 9th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju and Triq Santa Katarina;

On Wednesday, 10th August, 2022, all day (no transit and no parking) through Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju and Triq Santa Katarina;

On Thursday, 11th, on Friday, 12th and on Saturday, 13th August, 2022, all day (no transit and no parking) through Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju and Triq Santa Katarina;

Nhar il-Ħadd, 14 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju (il-parti ta' isfel), Triq Santa Katarina u Triq il-Konvoj ta' Santa Marija;

Nhar it-Tnejn, 15 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) mill-pjazza, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju u Triq Santa Katarina;

Nhar it-Tlieta, 16 ta' Awwissu, 2022, il-ġurnata kollha (ħadd ma jista' jgħaddi jew jipparkja) minn Triq Karmenu Ciantar u Triq il-Madonna tal-Ġilju.

Trasport pubbliku se jkun ukoll affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Is-27 ta' Lulju, 2022

On Sunday, 14th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju (lower part), Triq Santa Katarina and Triq il-Konvoj ta' Santa Marija;

On Monday, 15th August, 2022, all day (no transit and no parking) through the square, Triq Karmenu Ciantar, Triq il-Madonna tal-Ġilju and Triq Santa Katarina;

On Tuesday, 16th August, 2022, all day (no transit and no parking) through Triq Karmenu Ciantar and Triq il-Madonna tal-Ġilju.

Public transport will also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

27th July, 2022

## AVVIŻ TAL-QORTI – *COURT NOTICE*

1308

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja, fl-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) (Rikors numru 66/2022BS) minn Anthony John Sammut et, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' John Anthony Sammut, legalment divorzjat, bin il-mejtin Joseph Sammut u Josephine née Portelli, imwieled in-Nadur, Għawdex, fit-tlieta (3) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u ħamsin (1950) u miet ġewwa New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), intestat. Illi huwa meħtieġ li s-suċċessjoni tal-imsemmija John Anthony Sammut għandha ssir favur l-eredi tiegħu skont il-liġi u ċjoè it-tliet uliedu Anthony John Sammut (passaport Amerikan numru 093292077), Jennifer Cecilia Serafin (passaport Amerikan numru 497946153) u Christopher John Sammut (passaport Amerikan numru 543792176) fil-kwota ta' terz (1/3) kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 25 ta' Lulju, 2022

DANIEL SACCO
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the twenty-four (24th) of June of they year two thousand and twenty two (2022) (Application number 66/2022BS), Anthony John Sammut et requested the opening of the succession of John Anthony Sammut, legally divorced, sod of the late Joseph Sammut and the late Josephine née Portelli, born in Nadur, Gozo on the third (3) of February of the year one thousand nine hundred and fifty(1950) and died in New York, United States of America on the twentu-five (25) of June of the year two thousand and seventeen (2017), intestate. That it is necessary that the succession of the said John Anthony Sammut should be made in favor of his heirs according to law and that is to his three sons Anthony John Sammut (American passport number 093292077), Jennifer Cecilia Serafin (American passport number 497946153) and Christopher John Sammut (American passport number 543792176) in quota of one third (1/3) each, the issuance of this ban was ordered to inform anyone involved.

Wherefore, any person who considers to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

This 25th July, 2022

DANIEL SACCO
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*